MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Numru 539/1998

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Paul Philip Caruana, iben
George, imwieled l-Awstralja
fil-15 ta' diċembru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti anki jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli f'San Ġiljan, fit-3 ta' jannar, 1997 ikkometta serq ta' vettura tal-
għamla'Peugeot 106 XND', bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 012, għad-dannu ta' Warren Attard liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. talli fil-perjodu ta' bejn jannar, 1997 u jannar 1998, xjentementf'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioe' ta' vettura tal-għamla 'Peugeot 106 XND', bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 012, ta' valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Warren Attard;
3. talli f'diċembru, 1997 b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 għad-dannu ta' Jason John Mifsud;
4. talli fil-perjodu bejn jannar, 1997 u diċembru, 1997 għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe' vettura tal-għamla 'Peugeot 106 XND', bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 012, għad-dannu ta' Warren Attard, liema ammont tal-ħsara hu ta' iżjed minn ħamsin lira maltin (lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500);
5. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, billi waħħal set ta' 'number plates' foloz (BAJ 157), fuq l-imsemmija vettura u cioe' fuq il-vettura tal-għamla 'Peugeot 106 XND' (bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 012);
6. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi ħassar u biddel ic-c'chassis number' tal-vettura tal-għamla 'Peugeot 106 XND' (bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 012) u minfloku waħħal ic-'chassis number' ta' vettura oħra tal-għamla 'Peugeot 106 (bin-numru tar-reġistrazzjoni BAJ 157);
7. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża set ta' 'number plates' foloz (BAJ 157) fuq vettura oħra tal-

għamla ‘Peugeot 106 XND’ (bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 012);

8. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi għamel użu ta’ numru ta’ identita’ divers minn dak li kien ġie mogħti lilu mill-pulizija jew mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku;

9. talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ diċembru, 1997 f’tas-Sliema, ikkometta serq ta’ vettura ta’ l-għamla ‘Hyundai Accent’, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAK 475, għad-dannu ta’ Anthony Bugeja għan-nom u in rappresentanza ta’ TJB Holdings Ltd., liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

10. talli fil-perjodu ta’ bejn diċembru, 1997 u jannar, 1998, xjentement f’Malta, laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe’ ta’ vettura tal-għamla ‘Hyundai Accent’, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAK 475, ta’ valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), għad-dannu ta’ Anthony Bugeja għan-nom u in rappresentanza ta’ TJB Holdings Ltd.;

11. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu,jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, billi waħħal set ta’ ‘number plates’ foloz (EAM 309) fuq l-imsemmija vettura u cioe’ fuq il-vettura tal-għamla ‘Hyundai Accent’, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAK 475;

12. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża set ta’ ‘number plates’ foloz (EAM 309), fuq vettura oħra tal-għamla ‘Hyundai Accent’, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAK 475;

13. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi għamel użu ta' numru ta' identita' divers minn dak li kien ġie mogħti lilu mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku;

14. talli fil-perjodu bejn ottubru, 1997 u it-30 ta' diċembru, 1997, fil-Mosta, ikkometta serq ta' set ta' 'number plates' EAM 309 minn fuq il-vettura tal-għamla 'Hillman Hunter', għad-dannu ta' George Borg, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

15. talli fil-perjodu ta' bejn ottubru, 1997 u jannar, 1998, xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' ta' set ta' 'number plates' EAM 309 li jappartjenu lill-vettura tal-għamla 'Hillman Hunter', għad-dannu ta' George Borg;

16. talli fil-perjodu bejn marzu 1997 u jannar, 1998, xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' ta' ħames roti tal-marka "TG20 Dunlop SP Acquafer" għad-dannu ta' Emanuel Stivala;

17. talli f'jannar, 1998 u fix-xhur ta' qabel, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, importa jew daħħal f''alta, xi arma tan-nar u cioe' ta' senter tal-għamla 'Maverick By Mossberg', model 88GA 12, b'serial number MV48414D, tat-tip 'pump action', bil-pistol grip u ta' gauge 12, jew ġiegħel li tiġi mpurtata, imdaħħla f'Malta, jew xjentement għen jew assista fi kwalunkwe mod fl-importazzjoni jew dħul, ta' l-imsemmija arma;

18. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu arma tan-nar jew munizzjon;

19. talli fil-perjodu ta' bejn settembru, 1996 u jannar, 1998 xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew,

xentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe’ ta’ arma tan-nar, tal-għamla ‘BRNO’, b’serial number 045699, għad-dannu ta’ Francis Vassallo;

20. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu arma tan-nar jew munizzjon;

21. talli f’jannar, 1998 u fix-xhur ta’ qabel, għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat, billi ħassar u biddel ic-‘chassis number’ tal-mutur tal-għamla ‘Honda Model 80’ (bin-numru tar-reġistrazzjoni FAF 713);

22. talli fit-3 ta’ jannar, 1998 u f’xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u\jew taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar ‘Maverick By Mossberg’, model 88GA 12, b’serial number MV48414D, li l-importazzjoni ta’ dan l-oġġett hija projbita u\jew ristretta. Dan għandu valur totali ta’ Lm65 u dazju Lm5.26,5. L-oġġett fuq imsemmi huwa soġġett ukoll għat-Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni (E.T.I.), liema E.T.I.\dazju ma ġewx imħallsa u\jew kawtelati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-‘corpus delicti’.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lil-
l-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenrali tal-15 ta’ frar, 2000 fejn wara li ra l-atti
tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet
taħt dak li hemm maħsub –
(a) fl-artikoli 18, 261, 263, 267, 270, 271, 278, 280, 281, 334, 308, 309, 310, 188, 325(b), 189, 17(b), 31, 23, 20 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 15 u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ċ) fl-artikoli 2, 3, 4, 19 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' frar, 2000 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex provi oħra xi tressaq u l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat.

Rat in-nota tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-3 ta' jannar, 1998 il-pulizija ġiet infurmata li f'garage fi Triq Maestro Camilleri, Birkirkara kien hemm karozza misruqa. Il-pulizija saret taf li dan il-garage hu proprjeta' ta' l-imputat u għalhekk marret għandu u talbitu ċ-ċavetta ta' dan
il-fond. L-imputat wieġeb li hu kera dan il-garage lil Nicholas Cassar u ma kellhu ebda ċavetta. Qal ukoll li ġewwa l-gargae kien hemm xi affarijiet li kienu tiegħu. Il-pulizija saret taf li dan Nicholas Cassar miet f'ottubru tas-sena 1997. Għalhekk,
fil-prezenza ta' l-imputat, Paul Philip Caruana, il-pulizija sgassaw il-bieb ta' dan
il-garage. Ġewwa dan il-garage nstabet karozza tal-marka Hyundai Accent, li ġiet irrapurtata misruqa fl-20 ta' diċembru, 1997. Instabu set ta' number plates misruqa, motor-cycle, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAF 713, żewġ magni ta' karozzi, waħda ta' Peugeot u l-oħra ta' Opel, kif ukoll għadd ta' spare parts ta' karozzi. Kien hemm speed boat u armi u munizzjon.

Illi minn aktar investigazzjoni rrizulta li l-ispeedboat, il-magna Opel, l-ispare parts, ħlief għal set roti, kienu ta' l-imputat. Il-mutur kien ta' missier l-imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt l-imputat kien kera dan il-garage lil Nicholas Cassar. Meta sar in-negozju kien hemm persuna preżenti u persuna oħra kkonfermat li l-imputat, Nicholas Cassar u din il-persuna kienu prezenti flimkien f'każin
Ħaż-Żebbuġ fejn sar in-negozju. Il-mara ta' Nicholas Cassar qalet lill-pulizija li żewġha ma kien kera ebda garage, iżda mill-atti ta' din il-kawża ma jirrizultax jekk li l-pulizija għamlu xi tfittxija għaċ-ċavetta ta' dan il-garage.

Illi ma tirrizulta ebda prova li l-imputat seraq l-affarijiet hawn fuq imsemmija u indikati fl-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Illi għal dak li jirrigwarda r-roti, il-prosekuzzjoni ressqet persuna li qalet li dawn ir-roti kienu tagħha. Min-naħa ta' l-imputat, hu ressaq xhud li qal li kien biegħ karozza tal-marka Isuzu lill-imputat flimkien ma set roti li hu għaraf mir-ritratti.

Illi għal dak li jirrigwarda l-magna Peugeot, l-imputat ressaq provi dokumentali li jippruvaw dak li hu qal lill-pulizija u li hu xehed il-Qorti. Il-provi tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma kienux konklussivi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------